VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,069, 12 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 326 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għas-Certificate in Migration, Law and Society taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għas-Certificate in Migration, Law and Society taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Migration, Law and Society;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Migration, Law and Society; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u / jew esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun imfassal mill-Bord tal-Istudji u għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

6. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.